MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

**MAGISTRAT DR.**
**PAUL COPPINI**

Seduta tad-19 ta' April, 2011

Avviz Numru. 15/2008

Aluserv Limited

vs

Charles Cassar

Il-Qorti,

Rat l-Avviż li permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi talbet lill-konvenut jgħid għaliex m'għandux iħallasha s-somma ta' għaxart elef, seba' mija u sebgħa u tmenin Euro u tlieta u sittin ċenteżmu (€ 10,787.63), ammont rappreżentanti bilanċ dovut minnek għal xogħlijiet eżegwiti mis-soċjeta' rikorrenti fil-fond 'Sunshine Bar and Restaurant', Triq ir-Rabat, Xlendi, Għawdex, fuq inkarigu tiegħek, liema ammont baqa' ma tħallasx minkejja diversi interpellazzjonijiet.

Spejjeż, inklużi dawk ta’ l-ittra legali datata 26 ta’ Marzu, 2008, u interessi legali kontra l-konvenut li jibqa’ minn issa inġunt għas-subizzjoni .

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li eċċepixxa illi:

1. Illi in linea preliminari l-esponenti għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju u dan stan te li *de proprio* l-esponent ma kellu l-ebda relazzjoni ġuridika mas-soċjeta’ attriċi.

2. Illi t-talbiet tas-soċjeta’ rikorrenti għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż u dan stante li x-xogħol ma ġiex esegwit skond kif tirrikjedi s-sengħa u l-arti.

3. bir-riserva għall-azzjoni ulterjuri għad-danni kontra s-soċjeta’ attriċi mis-soċjeta’ konċernata.

Rat il-verbal tagħha tat-23 ta' Frar 2011 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat l-affidavits u dokumenti oħra prodotti.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża s-soċjeta' attriċi qed titlob li l-konvenut jiġi kkundannat iħallasha s-somma indikata fl-Avviż rappreżentanti bilanċ minn somma akbar dovuta lilha għal xogħol ta' ridekorazzjoni li sar fil-ħanut ġestit mill-konvenut fix-Xlendi, u dana skond l-ispeċifikazzjonijiet miftehma bejn il-partijiet, f'*work description* li kopja tiegħu ġiet esebiti fl-atti bħala Dok. A,[1] u *letter of acceptance* iffirmata mill-konvenut u li ġġib id-data tat-3 ta' Mejju 2007.[2] Il-konvenut laħaq għamel xi pagamenti akkont waqt li kien għadu għaddej dan ix-xogħol. Imma meta ġie ppreżentat bil-kont finali, rrifjuta li jħallas il-bilanċ dovut, billi allega illi kien hemm xi difetti, skond ma ġie indikat f'rapport li sar wara li rappreżentant tas-soċjeta' attriċi għamel spezzjoni fuq il-post fl-20 ta' Frar 2008.[3]

[1] A fol. 18 - 22 tal-process .
[2] ara kopja esebita bhala Dok. B a fol. 23 - 24
[3] ara kopja esebita bhala Dok. KG 1 a fol. 14 -15 .

Fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet tiegħu, il-konvenut eċċepixxa preliminarjament illi huwa personalment ma kellu ebda relazzjoni ġuridika mas-soċjeta' attriċi. Fil-mertu mbagħad kompla jsostni l-allegazzjoni ġia magħmula, li x-xogħol ma kienx sar skond is-sengħa u l-arti. Ma jiċħadx pero' li l-ammont reklamat baqa' qatt ma tħallas.

Il-konvenut baqa' ma xehdtx u lanqas ressaq ebda tip ta' prova. Biss minn wieħed mid-dokumenti esebiti mis-soċjeta' attriċi, u senjalament il-*letter of acceptance* jirriżulta inekwivokament illi l-kuntratt ta' dan l-appalt ingħata mill-konvenut. Infatti l-klijent fuq dak id-dokument huwa indikat bħala: "*Mr. Charles Cassar, owner of the Bar & Restaurant outlined abov*e," u ċioe' b'referenza għas-"Sunshine Bar & Resturant, Triq ir-Rabat, Xlendi, Gozo," proprju l-post fejn saru dawn ix-xogħlijiet, u mkien ma saret ebda referneza għhal xi soċjeta' kummerċjali immexxija jew li fiha kien involut il-konvenut. Din l-eċċezzjoni qed tiġi għalhekk minnufih miċħuda.

Fil-mertu mbagħad il-konvenut ilmenta illi x-xogħol ma sarx skond is-sengħa u l-arti. Mir-rapport ta' l-ispezzjoni li saret wara li l-konvenut beda jagħmel dawn l-ilmenti, rriżulta li huwa ndika lir-rappreżentant tas-soċjeta' attriċi li kien hemm xi folji ta' l-injam li nqalgħu, partikolarment mal-bieb tat-*toilet* u l-wiċċ tal-*counter* tal-*bar*. Ir-rappreżentanti tas-soċjeta attriċi jattribwixxu dan għall-umdita' li kien ikun espost għaliha dan l-injam, u partikolarment billi l-bieb tat-*toilet* kien juri sinjali ta' tixrib li aktarx kien dovut għal xi *flooding* tal-kantina fejn jinsab dan it-*toilet*, u fir-rigward tal-*counter*, billi dan kienu kontinwament jitqegħdu fuqu tazzi mxarrrbin. Din tidher li hija spjegazzjoni plawsibbli, li ma ġiet bl-ebda mod miċħuda mill-konvenut, minkejja li ngħhata l-opportunita' biex jagħhti l-verżzjoni tiegħhu f'mhux inqas minn tliet udjenzi li għhaliha kienet ġġiet appuntata din il-kawżza wara li tressqu l-provi tas-soċjeta' attriċi.[4] L-eċċezzjoni fil-mertu qed tiġi għalhekk ukoll miċħuda.

[4] ara verbali ta' l-udjenzi tad-19.05.2010, dik tas-17.11.2010 u dik tat-23.02.2011 li ghalihom il-konvenut baqa' ma deherx.

Għal dawn il-motivi, tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talba attriċi u tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' għaxart elef, seba' mija u sebgħa u tmenin euro u tlieta u sittin ċenteżmu (EUR10,787.63) rappreżentanti bilanċ dovut minnu għal xogħlijiet esegwiti mis-soċjeta' attriċi fil-fond "Sunshine Bar and Restaurant", Triq ir-Rabat, Xlendi, Għawdex, fuq inkarigu tiegħu.

Bl-ispejjeż, u bl-imgħaxijiet legali mid-data ta' dan l-Avviż sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------